PARLAMENT TA' MALTA

IT-TNAX-IL LEĠIŻLATURA

P.L. 7586

Dokument imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Numru 422 tal-25 ta' Lulju 2016 mill-Onor. Jason Azzopardi, MP.

______________________________

Raymond Scicluna
Skrivan tal-Kamra

21/7/2016

Illum 5 ta' Dicembru 2015

Billi fil-Gudja jigu ccelebrati fis-sajf tliet festi organizzati mill-Parrocca ta' Santa Marija, mis-Socjeta Filarmonika La Stella u l-Ghaqda Muzikali Maria Assunta;

Billi fit-3 festi msemmija hija tradizzjoni, li tmur lura ghexieren ta' snin, li jkun hemm spettaklu ta' nar tal-ajru, li ghalih jattendu hafna nies, inkluz turisti, li jkun ta' livell gholi tant li mhux l-ewwel darba li intrebhu premijiet nazzjonali;

Billi dan l-ahhar qamu intoppi u ostakli kbar minn min qed jabbuza mill-uzu tal-post minn fejn is-soltu jinharaq in-nar tal-ajru li jkun kopert bil-permessi, u li qed jipperikolaw sija t-tkomplija ta' dan it-tradizzjoni fil-Gudja u sija l-inkolumita tad-dilettanti li jridu jkunu fil-post ghall-hruq tan-nar;

Billi l-uniku post fil-Gudja li minnu jista' jsir hruq tan-nar skond il-ligi hija ghalqa proprjeta tal-Gvern (File No. A 1657/97);

Billi meta din l-ghalqa qabel l-2013 kienet giet allokata wara sejha ghall-offerti mid-Dipartiment tal-Artijiet kien hemm inkluz kundizzjoni stipulata mill-istess Dipartiment li fil-hmistax-il jum qabel kull wahda minn dawn it-tliet festi fil-Gudja din l-ghalqa trid tkun accessibbli b'mod ugwali lill-kull wahda mit-tliet entitajiet li jorganizzaw it-tliet festi Gudjani;

Billi dawn l-ahhar xhur tali kondizzjoni ma baqghetx tkun rispettata, anzi qed jinholqu apposta diffikultajiet mhux zghar biex ma jkunx jista' jsir il-hruq tan-nar skond il-ligi;

Billi fix-xhur tat-tliet festi fil-Gudja (nofs Awwissu, l-ahhar ta' Settembru, bidu t'Ottubru) din l-ghalqa qatt ma tkun mahduma u ma jkollha ebda prodotti mizrugha;

Ghaldaqstant il-Grupp Festa Esterna Santa Marija bl appogg tal-Parrocca tal-Gudja, s-Socjeta Filarmonika La Stella, l-Ghaqda Muzikali Maria Assunta tal-Gudja, flimkien mal-Kunsill Lokali u mar-residenti tal-Gudja hawn isfel iffirmati qeghdin formalment jitolbu 'l Gvern ta' Malta permezz ta' din il-petizzjoni li huma jridu li tkun ipprezentata fil-Kamra tar-Rapprezentanti:

> Jalloka b'Rizoluzzjoni Parlamentari l-ghalqa tal-Gvern (File No tad-Dipartiment tal-Artijiet A 1657/97) lit-tliet entitajiet imsemmija flimkien bejniethom b'titolu ta' kera jew qbiela.

Clayton Abdilla (549983M)
Grupp Festa Esterna Sta Marija

John Calleja (sindku) (444159M)
Soc Fil La Stella

Omar Xuereb (345374(M)
Ghaqda Muzikali Maria Assunta

Michel Mifsud (538077M)
Segretarju Kunsill Lokali

| Nr | Isem u Kunjom | ID Card | Firma |
|---|---|---|---|